EUROPEAN PARLIAMENT

DIRETTORAT-ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

DIPARTIMENT TEMATIKU B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

KULTURA U EDUKAZZJONI

# L-Inizjattiva għat-Trasparenza tad-Dejta u l-Impatt tagħha fuq il-Politika ta' Koeżjoni

STUDJU

Dan id-dokument intalab mill-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kultura u l-Edukazzjoni.

**AWTUR**

Germann Avocats (Ġinevra) u grupp multidixxiplinari ta' riċerkaturi [1]

**AMMINISTRATRIĊI RESPONSABBLI**

Goncalo Macedo
Dipartiment Tematiku Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
E-mail: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

**VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI**

Oriġinal: EN
Traduzzjoni: DE, FR

**DWAR L-EDITUR**

Biex tikkuntattja d-Dipartiment Tematiku jew biex tabbona fin-newsletter li joħroġ ta' kull xahar jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta 2010.
Brussell, © Il-Parlament Ewropew, 2010.

Dan id-dokument huwa disponibbli fuq l-Internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/studies

**KLAWŻOLA TA' ESKLUŻJONI MIR-RESPONSABILITÀ ('DISCLAIMER')**

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità biss tal-awtur u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors huwa rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u mibgħut kopja.

[1] (1) Ara s-sezzjoni "Research Team" tal-websajt www.diversitystudy.eu

DIRETTORAT-ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

**DIPARTIMENT TEMATIKU B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI**

**KULTURA U EDUKAZZJONI**

# L-implimentazzjoni, fl-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-2005 tal-UNESCO

**STUDJU**


**Astratt**

Dan l-istudju jipprovdi sommarju tal-istat ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali. Jiffoka fuq oqsma li fihom l-UE hija mistennija li tipprovdi tmexxija jew koordinazzjoni u huwa intiż biex jagħti ideat u gwida fuq medda ta' żmien twil għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Għal dan l-għan, janalizza l-obbligi stabbiliti minn dan it-trattat. Jipprovdi tagħrif dwar diversi prattiki ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO mill-aspett legali u prattiku u jidentifika sfidi u miżuri li jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan l-istrument.



IP/B/CULT/IC/2009_057 05/2010

PE 438.587 MT

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

## Il-faħam u l-azzar jeħtieġu kultura

Il-kultura hija importanti għall-Ewropa? - Jean Monnet, wieħed mill-bennejja tal-integrazzjoni Ewropea, stqarr li, li kieku kellu jerġa' jibda xogħlu mill-bidu nett, kieku kien jibda mill-kultura: "*Si c'était à recommencer, je commencerais par la culture*".[2]

Dan l-istudju jipprovdi sommarju tal-istat ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali. Jiffoka fuq oqsma li fihom l-Unjoni Ewropea hija mistennija li tipprovdi tmexxija jew koordinazzjoni. Huwa intiż biex jagħti lill-Unjoni Ewropea għajnuna u gwida fuq medda twila ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO. Għal dan l-għan, iwettaq analiżi ddettaljata tal-obbligi stabbiliti minn dan it-trattat. Jipprovdi tagħrif dwar diversi prattiki għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO mill-aspett legali u prattiku u jidentifika sfidi u miżuri li jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan l-istrument.

L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO titlob azzjoni ġdida mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili. L-għelbien tal-frammentazzjoni u l-ġlieda favur il-koerenza għandhom ikunu l-motivi gwida ta' dan l-impenn. Jekk l-atturi pubbliċi u privati jkunu ambizzjużi, il-kompiti huma kumplessi u r-riskji huma għoljin. Jekk jieħdu approċċ minimalista, mhux se jirnexxilhom jilqgħu l-isfidi. Dan l-aħħar approċċ jippreżenta l-agħar każ possibbli li jista' jwitti t-triq għad-diktat tal-interessi tal-kummerċ għad-detriment tad-drittijiet tal-biedem, tal-libertajiet fundamentali, u tal-aċċess għall-għana tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali. Barra minn hekk, triq tan-nofs bejn l-ambizzjoni u l-minimaliżmu ma tistax ħlief tipperpetwa l-*istatus quo*: id-diversità tal-espressjonjiet kulturali hija lussu għal ftit stati soċjali għonja u demokratiċi u tibqa' għan li ma jistax jintlaħaq għall-bqija tad-dinja.

Il-Konvenzjoni tal-UNESCO tipprovdi strument ġdid bil-potenzjal li jirrendi l-integrazzjoni Ewropea sostanzjalment aktar rikka, profonda u sostenibbli. Fil-kuntest tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea, il-protezzjoni u l-promozzjoni ġenwina tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-"integrazzjoni dinjija" bil-għan li jiġu żgurati l-paċi u l-benesseri soċjali bħala komplementi eżistenzjali tas-sempliċi globalizzazzjoni ekonomika. Sittin sena wara d-dikjarazzjoni ta' Schuman, il-faħam u l-azzar, illum aktar minn qatt qabel, jeħtieġu kultura, fl-Ewropa u madwar id-dinja.

## Stampa ġenerali tal-Istudju

L-istudju tagħna huwa maqsum f'ħames partijiet. Fl-istħarriġ tagħna tal-prattiki ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO, li s-sommarju tiegħu jinsab fl-ewwel parti, eżaminajna approċċi tradizzjonali u innovattivi ta' kif id-diversità kulturali tista' tiġi ppriżervata u promossa f'kull tip ta' pajjiż, irrispettivament mil-livell ta' żvilupp tagħhom. L-istħarriġ jinkludi: (1) pajjiżi żviluppati b'industriji kulturali b'saħħithom bħall-Istati Membri tal-UE u l-Kanada; (2) pajjiżi emerġenti ekonomikament b'industriji kulturali organizzati, bħaċ-Ċina u l-Brażil; u, (3) pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk inqas żviluppati, b'mezzi ekonomiċi skarsi ħafna għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali, bħas-Senegal.
Il-Konvenzjoni tal-UNESCO tfasslet b'mod programmatiku. B'konsegwenza ta' dan, il-Partijiet tal-Konvenzjoni għandhom lok wiesa' għall-manuvri waqt l-implimentazzjoni ta'

2 Jean Monnet ikkwotat f'"Denis de Rougemont tel qu'en lui-même", *Cadmos* 33/1986, p. 22

dan l-istrument. B'din ir-realtà bħala punt tat-tluq, niżviluppaw u niddiskutu ideat ġodda mmirati għat-titjib tal-kwalità ta' dan it-trattat permezz tal-proċess tal-implimentazzjoni tiegħu (it-tieni parti).

L-istħarriġiet u r-riċerka sekondarja jiffurmaw il-bażi tal-evalwazzjoni tagħna tal-mod ta' kif l-UE applikat il-Konvenzjoni fir-relazzjonijiet esterni u l-politiki interni tagħha (it-tielet u r-raba' parti). Nevalwaw jekk il-Konvenzjoni tal-UNESCO ħallietx impatt fuq il-politika reċenti u nipprovdu xenarji tal-effetti tagħha fil-futur prevedibbli, bil-għan li nippreżentaw rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet futuri (il-ħames parti).

**L-Ewwel Parti: Stħarriġ ibbażat fuq kwestjonarji u intervisti**

L-ewwel parti tipprovdi sommarju tal-informazzjoni u l-opinjonijiet miġbura mingħand diversi partijiet interessati privati u pubbliċi fl-UE u barra minnha, permezz ta' kwestjonarji u intervisti. Nagħtu analiżi qasira ta' din id-dejta, li tipprovdi ħjiel dwar l-istat ta' implimentazzjoni preżenti u bażi għal azzjonijiet mistennija fil-futur.

L-ewwel kwestjonarju ppermettilna niġbru dejta legali; it-tieni kwestjonarju analizza prattiki ta' implimentazzjoni mill-angolu tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; u t-tielet kwestjonarju eżamina l-implimentazzjoni mill-angolu tal-organizzazzjonijiet reġjonali. Barra minn hekk, wettaqna intervisti orali ma' rappreżentanti ta' diversi organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali.

Il-kwestjonarji mimlija huma disponibbli għall-pubbliku fuq il-websajt iddedikata lill-istudju tagħna, www.diversitystudy.eu

**It-Tieni Parti: Ideat ġodda għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO**

It-tieni parti tesplora għażla ta' ideat ġodda għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO li jistgħu jkunu applikati għar-relazzjonijiet esterni u l-politiki interni tal-UE.

L-ewwel nett, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tipprovdi li "Parti tista' tiddetermina l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet speċjali fejn l-espressjonijiet kulturali fit-territorju tagħha huma fil-periklu ta' estinzjoni, taħt theddida serja, jew għandhom bżonn ta' protezzjoni urġenti bi kwalunkwe mod ieħor"; u li, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, "il-Partijiet jistgħu jieħdu l-miżuri adattati kollha sabiex jipproteġu u jippreservaw l-espressjonijiet kulturali". Din id-dispożizzjoni, flimkien mal-Artikolu 17, wieħed jista' jinterpretaha fis-sens li tindirizza l-hekk imsejjaħ "ġenoċidju kulturali" bħala l-aktar ċħid estrem tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali. L-abbozzi inizjali tal-Konvenzjoni tal-1948 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni u l-Piena ar-Reat tal-Ġenoċidju kienu jinkludu dispożizzjonijiet li jindirizzaw attakki kontra ċerti espressjonijiet kulturali intiżi għall-qerda ta' gruppi nazzjonali, etniċi, razzjali jew reliġjużi fihom innifishom. Nipproponu eżami ulterjuri ta' din l-interpretazzjoni mill-perspettiva ta' approċċi possibbli ġodda, ibbażati fuq il-Konvenzjoni tal-UNESCO, għall-prevenzjoni bikrija tal-ġenoċidji u tal-atroċitajiet tal-massa. B'mod partikolari, nixtieqú nirrakkomandaw esplorazzjoni ulterjuri tar-rabta bejn id-diversità tal-espressjonijiet kulturali, reliġjużi, politiċi u nazzjonali. Ikunu ppreżentati l-punti ewlenin ta' proposta għal għodod ġodda għar-relazzjonijiet esterni tal-UE ma' pajjiżi affettwati minn problemi umanitarji u ksur tad-drittijiet tal-minoranzi u d-drittijiet umani.

Nissuġerixxu li din il-proposta tiġi diskussa fil-qafas tad-Djalogu Transatlantiku tal-Leġiżlaturi (TLD), li għandu l-għan li jsaħħaħ u jtejjeb il-livell tad-diskors politiku bejn il-leġiżlaturi Ewropej u dawk Amerikani. Il-prevenzjoni bikrija tal-ġenoċidji u l-atroċitajiet tal-massa hija oġġett ta' tħassib politiku importanti ħafna li huwa kondiviż fost il-leġiżlaturi miż-żewġ naħat tal-Atlantiku. Dan is-suġġett se jippermetti li l-Membri Parlamentari tal-

Ewropa jiżvelaw il-valur kollu tal-Konvenzjoni tal-UNESCO lill-kollegi tagħhom fl-Istati Uniti. Skont l-aħjar sitwazzjoni possibbli, dan id-djalogu jista' jwassal għal bidla gradita fl-attitudni vis-à-vis dan l-istrument, minn rifjut għal adeżjoni, fl-Istati Uniti u pajjiżi oħra karatterizzati minn pożizzjoni simili bħal tagħhom.

It-tieni, il-politiki mmirati għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali jitolbu riżorsi adegwati. F'dan il-kuntest, se nanalizzaw l-irwol tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi tal-kompetizzjoni għall-kontribuzzjoni tat-tqarrib tal-kundizzjonijiet li japplikaw għall-fornituri ta' espressjonijiet kulturali mit-Tramuntana u min-Nofsinhar. Sabiex intejbu l-aċċess għall-espressjonijiet kulturali minn oriġini iddiversifikati, nixtiequ nintroduċu l-prinċipji tat-"Trattament kulturali" u tal-"Aktar Kultura Favorita". Neżaminaw il-kwistjonijiet relatati mas-sistema internazzjonali tal-proprjetà intellettwali fir-rigward tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali u noffru proposti ta' rimedju. F'dan il-kuntest, nenfasizzaw wkoll il-kontribut pożittiv mil-lat tal-liġi eżistenti dwar il-kompetizzjoni u qafas legali ġdid imsejjes fuq prinċipji mhux diskriminatorji. Dawn is-sistemi legali jistgħu jipprovdu bilanċ imtejjeb bejn id-diversi interessi leġittimi involuti. Fi ħdan l-UE, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi jistgħu jadottaw approċċi simili bil-għan li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni tal-UNESCO, u jippromwovu ċirkolazzjoni aħjar tal-beni u s-servizzi kulturali bejn l-Istati Membri. Id-diskussjoni titlob it-tħejjija ta' mezzi legali ġodda għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' aċċess ġust, ta' ftuħ u ta' bilanċ skont l-Artikoli 2.7 u 2.8 filwaqt li għandu jkun hemm konformità mal-istrumenti rrikonoxxuti universalment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem kif mitlub mill-Artikolu 5.

Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk inqas żviluppati ilhom jagħmlu pressjoni fuq il-pajjżi żviluppati biex jikkoperaw għall-aġġustament tal-privattivi fil-qafas tad-WTO, għall-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa pubblika. Nissuġġerixxu li l-partijiet interessati mill-qasam tal-kultura jitolbu inizjattivi simili għad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati tal-proprjetà intellettwali bil-għan li titħares u titmexxa 'l quddiem id-diversità tal-espressjonijet kulturali. Fl-UE, min iħallas it-taxxi qed iħallas għall-ħsara kkawżata lid-diversità tal-espressjonijiet kulturali. Dan jinkludi l-effetti negattivi tal-oligopolji li jabbużaw mis-setgħa tagħhom tas-suq billi bis-saħħa tal-politiki tagħhom, allegatament, jipprattikaw diskriminazzjoni kulturali.

It-tielet, is-soċjetà ċivili għandu jkollha rwol biex titwettaq l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO bil-għan li tiġi żgurata l-effikaċja ta' dan l-istrument. Se niffukaw l-attenzjoni tagħna fuq is-sura li jista' jieħu dan l-irwol. Idealment, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni jkollhom iwettqu azzjonijiet politiċi bl-istess determinazzjoni u effikaċja bħall-gruppi ta' attivisti li fi ħdan id-WTO esprimew tħassib ambjentali mhux relatat mal-kummerċ fih innifsu. Dawn il-persuni involuti rnexxielhom jinfluwenzaw b'mod sostanzjali t-tiswir u l-implimentazzjoni ta' liġijiet u politiki kummerċjali internazzjonali bil-promozzjoni ta' interessi mhux relatati mal-kummerċ fih innifsu, iżda mal-ħarsien tal-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli. Jeħtieġ li fil-futur qarib jitfaċċaw atturi simili li jiżviluppaw u jimplimentaw liġijiet u politiki mmirati għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali f'livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet hija kruċjali l-indipendenza mill-poter pubbliku u privat. Fis-sistemi awtoritarji, l-NGOs għandhom ikunu protetti kontra d-diktat tal-Istat. Fis-sistemi demokratiċi, l-NGOs għandhom jikkompetu mas-setgħa ekonomika tal-interessi tal-kumpaniji li jżommu pożizzjoni dominanti fis-suq. Fiż-żewġ każijiet, nivvalutaw il-mekkaniżmi legali u ta' politika meħtieġa biex ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jesprimu u jiddefendu l-interess pubbliku filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom. Fl-istess ħin l-NGOs għandhom ikunu trasparenti u responsabbli fir-rigward tal-istruttura ta' sħubija u l-

kwalità rappreżentattiva tagħhom, tal-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet, it-tmexxija u l-finanzjament.

Is-sistema parteċipattiva tal-Konvenzjoni ta' Århus tal-1998 dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tista' sservi ta' mudell għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tal-UNESCO fil-livell tal-UE.

Dawn it-tliet kwistjonijiet jistħoqqilhom attenzjoni partikolari mingħand dawk li jfasslu l-politika u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li jixtiequ jkollhom sehem attiv fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO, bl-ambizzjoni li jegħlbu l-punti dgħajfa tagħha u li jisfruttaw l-opportunitajiet li tipprovdi.

**Id-Djalogu tal-Partijiet Interessati**

L-analiżi tagħna ta' kull waħda minn dawn it-tliet temi hija msejsa fuq xogħol ta' tiftix tal-fatti, li hemm referenza għalih fl-ewwel parti tal-istudju tagħna, u fuq riċerka sekondarja abbażi ta' materjal preeżistenti. Ippreżentajna din l-analiżi lil interlokaturi avvanzati mid-dinja akkademika li offrew valutazzjoni kritika biex iħeġġu debattitu usa' bejn il-partijiet interessati. Irreġistrajna f'vidjow l-interventi ta' dawn il-parteċipanti fid-diskussjoni u ppubblikajniehom fuq www.diversitystudy.eu, fis-sezzjoni "Stakeholders' Dialogue". Kull wieħed minn dawn l-interventi jipprovdi punt tat-tluq għal dibattitu onlajn, permezz ta' blogg, dwar it-temi rispettivi. Nistennew li l-partijiet interessati se jaqraw l-istudju tagħna, jisimgħu l-interventi tal-parteċipanti fid-diskussjoni u mbagħad jesprimu u jiskambjaw l-opinjonijiet tagħhom stess fil-blogg tagħna.

**It-Tielet Parti: L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO fir-relazzjonijiet esterni tal-UE**

It-tielet parti tkopri r-relazzjonijiet esterni tal-UE. Tindirizza l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO b'rabta mal-politiki dwar id-drittijiet tal-bniedem u mal-kummerċ internazzjonali fil-livell multilaterali, reġjonali u bilaterali.

Din il-parti tesplora l-irwol tal-UE fit-tilwim riċenti li seħħ fi ħdan id-WTO dwar il-GATS u l-Ftehima TRIPS bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina. Nosservaw li f'dawn il-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' tilwim b'rabta mal-industriji kulturali, l–UE appoġġjat lill-Istati Uniti kontra ċ-Ċina. Iż-żewġ proċeduri tmexxew mill-oligopolju tal-kumpaniji l-kbar tal-films ta' Hollywood u l-interessi relatati. F'waħda minn dawn it-tilwimiet, iċ-Ċina invokat il-Konvenzjoni tal-UNESCO biex tiddefendi ruħha. Sa fejn nafu aħna, ma ġewx ikkonsulati l-partijiet interessati Ewropej mill-qasam kulturali qabel id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tappoġġja l-pożizzjoni tal-Amerikani. Wara d-diskussjoni ta' dawn il-każijiet, nikkonkludu li l-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi proċeduri li jiżguraw informazzjoni f'waqtha u parteċipazzjoni adegwata tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar tilwim fi ħdan id-WTO li jinvolvi kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Konvenzjoni tal-UNESCO. Tali parteċipazzjoni informata se tikkontribwixxi għal implimentazzjoni aktar effikaċi tal-Konvenzjoni tal-UNESCO.

Barra minn hekk, niddiskutu l-fatt li s'issa, fi ħdan id-WTO ma seħħewx diskussjonijiet formali dwar il-Konvenzjoni tal-UNESCO. Nanalizzaw is-sitwazzjoni u nipproponu strateġiji biex l-UE tagħti bidu għal djalogu bejn il-UNESCO u d-WTO dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali b'rabta mar-regoli internazzjonali dwar il-kummerċ.

Neżaminaw ukoll b'mod kritiku l-mekkaniżmi tal-koperazzjoni kulturali u nesploraw ir-relazzjoni bejn it-tħassib dwar id-diversità kulturali u l-ftehimiet kummerċjali reġjonali u bilaterali. L-ewwel implimentazzjoni konkreta tal-Konvenzjoni tal-UNESCO fir-relazzjonijiet esterni tal-UE, fil-qafas tal-Aġenda Ewropea għall-Kultura, kienet in-negozjati dwar żewġ Protokolli dwar Koperazzjoni Kulturali. Fl-2008, il-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet l-ewwel protokoll mal-CARIFORUM, u fl-2009 nnegozjat protokoll ieħor mal-Korea t'Isfel. Min-naħa l-waħda, dawn il-protokolli kienu indikaturi bikrija ta' kif jistgħu jiġu implimentati l-linji gwida u l-objettivi tal-Aġenda għall-Kultura. Min-naħa l-oħra, dawn in-negozjati jikxfu għadd ta' kwistjonijiet li jitolbu aktar analiżi, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li diversi aspetti tal-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea ntlaqgħu bi kritika qalila.

Nissuġġerixxu li l-UE, l-Istati Membri u pajjiżi b'pożizzjonijiet simili jikkonkludu ftehima plurilaterali ta' qafas ta' referenza meta l-UE tintrabat bi ftehima kummerċjali reġjonali jew bilaterali. Din il-ftehima plurilaterali jkollha tinkludi l-kontenuti essenzjali dwar il-koperazzjoni kulturali li japplikaw għall-pajjiżi terzi kollha. Strument bħal dan jista', pereżempju, jadatta l-istandards TRIPS-plus għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur għall-implimentazzjoni tas-salvagwardji korrispondenti tal-liġi tal-kompetizzjoni. Mbagħad, l-UE tista' tikkomplementa dan l-arranġament bażiku b'kontenuti speċifiċi applikabbli każ b'każ fil-qafas ta' ambitu ċar u ddefinit.

Il-mekkaniżmi internazzjonali għall-finanzjament pubbliku huma kruċjali għall-produzzjoni kulturali fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tad-dinja. L-istudju tal-każ tal-Fond għall-Films għall-grupp tal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) jipprovdi tagħlim utli għall-Koperazzjoni għall-Iżvilupp tal-futur fil-qafas tal-Konvenzjoni tal-UNESCO.

**Ir-Raba' Parti L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO fir-relazzjonijiet esterni tal-UE**

Ir-raba' parti tivvaluta s-sitwazzjoni ta' Franza u tal-Korea t'Isfel fir-rigward tas-sehem mis-suq tal-films bħala eżempju karatteristiku ta' kwistjoni ta' importanza ewlenija li taffettwa lis-swieq tal-biċċa l-kbira tal-industriji kulturali tal-lum. Fl-Istati Membri kollha tal-UE, u fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tad-dinja, konċentrazzjoni għolja ta' setgħa tas-suq tikkondizzjona lill-pubbliku biex jitlob forom u kontenuti li jaqblu mal-mudelli prevalenti, li huma kważi omoġenji kulturalment. L-udjenza medja ma tantx għandha għażla ħlief li tikkonsma l-espressjonijiet kulturali, flimkien mal-ideoloġija rispettiva relatata, li l-atturi dominanti tas-suq huma kapaċi jimponu permezz ta' ammonti enormi ta' pubbliċità. Ikbar ma tkun is-setgħa tal-kummerċjalizzazzjoni ta' fornitur ta' espressjonijiet kulturali, aktar jirnexxilu jippenetra s-suq. Is-setgħa tal-kummerċjalizzazzjoni tal-oligopolju ta' Hollywood min-naħa l-waħda u l-iffinanzjar mill-Istati Membri tal-UE, permezz ta' għajnuniet statali selettivi, min-naħa l-oħra, illum il-ġurnata kważi qed "jidduwopolizzaw" id-diversi setturi kulturali tal-Ewropa. Għandhom jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-artisti u tal-udjenzi li jiċħdu iż-żewġ setgħat li huma. Ikun xieraq li dawk responsabbli għat-tfassil tal-politiki jħejju regoli ġodda li jipprovdu kundizzjonijiet indaqs lill-kreaturi ta' espressjonijiet kulturali esklużi bħalissa mis-sistema prevalenti. Inqisu l-mekkaniżmu tal-għajnuniet statali selettivi, l-"espertokrazija" tiegħu u l-kummerċ imkabbar tad-diversi intermedjarji tiegħu bħala theddida għal din il-libertà fl-Ewropa. Aħna bħala rimedju għal dan ir-riskju nidentifikaw is-sistema tal-proprjetà intellettwali kkombinata mal-prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni u tan-nondiskriminazzjoni kulturali, kif ippreżentata b'mod ġenerali fit-tieni parti.

Barra minn hekk, nippreżentaw il-karatteristiki ġenerali ta' strateġiji ta' tfassil istituzzjonali mmirat għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO fl-Unjoni Ewropea. Nirrakkomandaw inventarju tal-kompetenzi eżistenti u s-sinerġiji potenzjali abbażi ta' koperazzjonijiet ġodda bejn istituzzjonijiet stabbiliti. B'żieda ma' dan, nissuġġerixxu li l-

Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) jitqies bħala sors ta' ispirazzjoni għall-ħolqien ta' faċilità ġdida għall-produzzjoni u l-iskambju ta' għarfien dwar miżuri u politiki mmirati għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali. U fl-aħħar, nipproponu esplorazzjoni ulterjuri tal-kwistjoni tal-impatt tal-Konvenzjoni tal-UNESCO fuq il-politiki mmirati għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità lingwistika.

**Il-ħames parti: Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-ħames parti tippreżenta konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet għat-twettiq tal-potenzjal sinifikanti tal-Konvenzjoni tal-UNESCO fi ħdan l-Ewropa u f'livell globali. Nenfasizzaw b'mod partikolari l-irwol tas-soċjetà ċivili bħala forza mexxejja għall-implimentazzjoni ta' dan it-trattat.

**Il-verżjoni sħiħa tal-istudju, id-Djalogu tal-partijiet interessati u d-dokumentazzjoni**

Hawn żewġ verżjonijiet ta' dan l-istudju, verżjoni mqassra ta' 80 faċċata, li ġiet tradotta għal diversi lingwi, u oħra itwal bl-Ingliż, li tinkludi analiżi aktar iddettaljata tal-kwistjonijiet b'għamla ta' dokumenti ta' ħidma. Iż-żewġ verżjonijiet kif ukoll it-tweġibiet għall-istħarriġ tagħna jistgħu jitniżżlu mill-websajt iddedikata għal dan l-istudju u li fiha aktar dokumentazzjoni rilevanti, www.diversitystudy.eu Din il-websajt tipprovdi wkoll sezzjoni fejn il-partijiet interessati jistgħu jikkumentaw dwar l-istudju u jiskambjaw fehmithom.
It-test tal-Konvenzjoni tal-UNESCO, il-linji gwida operazzjonali u tagħrif utli ieħor jistgħu jiġu kkonsultati fuq www.unesco.org/culture/en/diversity/convention

**Punti ewlenin tal-Konvenzjoni: il-prinċipju tas-sovranità u l-limitazzjonijiet tiegħu**

Il-mekkaniżmu li fuqu hija msejsa l-Konvenzjoni tal-UNESCO jista' jiġi deskritt bħala "karta bjanka limitata" li tagħti s-setgħa lill-partijiet tagħha li jadottaw u jimplimentaw liġijiet u politiki mmirati għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali fit-territorju tagħhom (Artikoli 5 u 6). Fl-Artikolu 2.2, il-Konvenzjoni tal-UNESCO tistabbilixxi l-prinċipju ta' sovranità. Skont din id-dispożizzjoni, u f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-prinċipji tal-liġi internazzjonali, l-istati għandhom id-dritt sovran li jadottaw miżuri għall-kisba tal-għanijiet tal-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 2.1, dan id-dritt huwa soġġett għall-kundizzjoni li jkunu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Din id-dispożizzjoni tfakkar li "d-diversità kulturali tista' titħares u tkun promossa biss jekk ikunu garantiti d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, bħal-libertà ta' espressjoni, ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, kif ukoll l-abilità tal-individwi biex jagħżlu l-espressjonijiet kulturali." Il-prinċipji ta' aċċess ġust, ta' ftuħ u ta' bilanċ kif stabbiliti fl-Artikoli 2.7 u 2.8 jżidu restrizzjonijiet oħra tas-setgħat tal-Partijiet fir-rigward tal-politiki kulturali.

Il-prinċipju tas-sovranità huwa problematiku ħafna meta japplika għal sistemi awtoritarji. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-sistemi ta' dan it-tip għandhom ix-xejra li jabbużaw mill-poter sovran u jinjoraw il-limitazzjonijiet tiegħu li jirrikjedu konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. L-Unjoni Ewropea taffronta l-isfida li tindirizza din ir-realtà filwaqt li tkun qed tippromwovi l-għanijiet tal-Konvenzjoni tal-UNESCO fir-relazzjonijiet esterni tagħha.

Wieħed jista' jargumenta li l-prinċipju ta' solidarjetà u ta' koperazzjoni internazzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 2.4, jipprevedi li l-istati jegħlbu l-fehim dejjaq u introvert tal-kunċett tas-sovranità. Is-solidarjetà u l-koperazzjoni internazzjonali għandhom jimmiraw biex jagħtu l-

possibilità lill-pajjiżi, u b'mod partikolari lill-ekonomiji li qed jiżviluppaw u lil dawk inqas żviluppati, li joħolqu u jsaħħu l-mezzi tagħhom ta' espressjoni kulturali u l-industriji kulturali tagħhom jew emerġenti jew stabbiliti. Dan għandu jseħħ f'livell lokali, nazzjonali u internazzjonali. Fil-fehma tagħna, l-istess interpretazzjoni għandha tapplika għall-prinċipji ta' aċċess ġust, ta' ftuħ u ta' bilanċ (Artikoli 2.7 u 2.8). Jenfasizzaw li "l-aċċess ġust għal firxa għanja u ddiversifikata ta' espressjonijiet kulturali ġejjin mid-dinja kollha u l-aċċess tal-kulturi għall-mezzi ta' espressjoni u ta' xandir jikkostitwixxu elementi importanti għat-tisħiħ tad-diversità kulturali u t-tħeġġiġ tal-komprensjoni reċiproka". Tirrikonoxxi li l-istati għandhom jippruvaw jippromwovu b'mod xieraq il-ftuħ lejn kulturi oħrajn fid-dinja waqt l-adozzjoni ta' miżuri għall-appoġġ lejn id-diversità tal-espressjonijiet kulturali. Konsegwentement, mhuwiex fl-interess tal-Unjoni Ewropea li s-solidarjetà u l-koperazzjoni internazzjonali jkunu limitati għal forom ta' sempliċi karità.

Il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' diversità sostenibbli tal-espresssjonijiet kulturali fl-hekk imsejjaħ "Nofsinhar Dinji" għall-ġid tad-dinja kollha jitolbu t-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi legali ġodda mmirati għat-tqarrib tal-kundizzjonijiet. L-istrumenti ta' politika bbażati fuq pagamenti diretti jippreżentaw ir-riskju li jagħtu l-poter lid-donaturi li jinfluwenzaw il-kontenuti kulturali u li jirrendu lir-reċipjenti vulnerabbli għad-dipendenza u l-klijenteliżmu. Dan japplika b'mod partikolari għall-iskemi ta' finanzjament permezz tal-hekk imsejħa "għajnuna statali selettiva", li nittrattaw f'aktar dettalji fir-raba' parti ta' hawn taħt.

Jinħtieġu salvagwardji legali effikaċi u mmirati fit-tul biex jiġi żgurat li mid-diversità ġenwina tal-espressjonijiet kulturali jibbenefikaw mhux biss għadd żgħir ta' stati għonja u demokratiċi li huma indifferenti lejn il-bqija tad-dinja jew li jippatronizzawha.

L-Artikoli 205 sa 207 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 21 jitolbu li l-azzjonijiet tal-Unjoni fix-xena internazzjonali jkunu ggwidati mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien tagħha stess, jiġifieri l-iżvilupp u t-tkabbir, u mill-prinċipji li hija stess tipprova tmexxi 'l quddiem fid-dinja: id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali. B'konsegwenza ta' dan, il-politika kummerċjali komuni tal-UE u l-kostituzzjoni ekonomika tagħha li qiegħda tissawwar x'aktarx li jikkontribwixxu għal ordni dinji aktar ġust anki għas-settur kulturali.[3]

## Ħarsa ġenerali lejn il-punti ta' saħħa, il-punti dgħajfin, l-opportunitajiet u t-theddid

Ir-riżultati ppreżentati f'dan l-istudju huma bbażati fuq varjetà ta' għodda: ġbir ta' dejta, intervisti, studji dwar każijiet speċifiċi u riċerka sekondarja. Joffru l-opportunità li jitqies il-potenzjal ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO. Bħala għodda strateġika biex jintlaħaq dan l-għan, użajna analiżi tal-punti ta' saħħa, tal-punti dgħajfin, tal-opportunitajiet u tat-theddid (SWOT = Strengths – Weaknesses – Opportunities – Threats) tal-Konvenzjoni tal-UNESCO u tal-implimentazzjoni tagħha mill-Unjoni Ewropea. Fil-parti li ġejja nippreżentaw sommarju ta' din l-analiżi:

[3] Dwar il-kostituzzjoni ekonomika Ewropea li qiegħda tissawwar ara Christian Joerges, "La Constitution européenne en processus et en procès", *Revue Internationale de Droit Économique* 2006, p. 245 sa 284: http://www.cairn.info/revue-internationale-de-droit-economique-2006-3-page-245.htm

**Punti ta' Saħħa**
Il-Konvenzjoni tal-UNESCO tħalli lok konsiderevoli għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili. F'ċerti ġuriżdizzjonijiet, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili kellhom rwol fit-tiswir tal-kontenut tal-Konvenzjoni waqt il-fażijiet tal-elaborazzjoni u tan-negozjati. It-trattat adottat jippreżenta l-istess potenzjal ta' setgħa mogħtija lis-soċjetà ċivili biex din taġixxi bħala forza mexxejja għall-implimentazzjoni (Artikolu 11).

Bħala konsegwenza ta' dan, l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO titlob impenn qawwi min-naħa tas-soċjetà ċivili biex tħeġġeġ u tilleġittima t-teħid ta' azzjoni mill-partijiet interessati.

**Punti dgħajfa**
Il-prinċipju ta' sovranità li fuqu tissejjes il-Konvenzjoni, flimkien ma' dispożizzjonijiet vagi u sistema dgħajfa ħafna ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, mhux kapaċi jilqa' l-isfidi li qed jaffrontaw is-soċjetajiet fil-maġġoranza kbira tal-istati, b'mod partikolari dawk fl-ekonomiji li qed jiżviluppaw, dawk inqas żviluppati u dawk li jinsabu taħt reġimi awtoritarji.

Bħala konsegwenza ta' dan, il-partijiet interessati pubbliċi u privati għandhom jesprimu u jsaħħu, f'livell internazzjonali, limiti ċari u preċiżi tal-prinċipju ta' sovranità abbażi tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji ta' aċċess ġust, ta' ftuħ u ta' bilanċ.

**Opportunitajiet**
Il-Konvenzjoni fiha kliem li jnebbaħ u li jistieden lill-partijiet interessati pubbliċi u privati biex ikunu kreattivi fit-tfassil ta' termini legali u ta' politika. Flimkien mal-iżviluppi li qed iseħħu fil-qasam tal-liġi ambjentali, u taħt il-pressjoni li qed tinħoloq mir-regolazzjoni tal-kummerċ, din il-kreattività tista' tirriżulta f'dinamika stimulanti bejn l-idealiżmu u r-realiżmu. Dan ikun ta' benefiċċju kbir għall-implimentazzjoni ta' dan it-trattat. Barra minn hekk, din il-Konvenzjoni tista' ssir wieħed mill-elementi li jsawru strument legali internazzjoni għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-"diversità umana" bħala għodda għall-prevenzjoni bikrija tal-ġenoċidji u tal-atroċitajiet tal-massa. Din l-għodda tista' tintuża fir-relazzjonijiet esterni tal-UE.

Fir-relazzjonijiet interni tal-UE, il-Konvenzjoni għandha l-potenzjal li ssaħħaħ sforzi aktar sostenibbli favur l-integrazzjoni. Dan l-istrument jista' jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tisħiħ tal-koeżjoni. Jista' jipprovdi għodda tajba ta' tmexxija għall-massimizzazzjoni tal-ġid u r-riżoluzzjoni tat-tensjoniiet li jirriżultaw mid-diversità tal-espressjonijiet kulturali, politiċi, etniċi, reliġjużi, u nazzjonali fl-Ewropa u madwar id-dinja.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni effikaċi tal-Artikoli 7 u 8 tal-Konvenzjoni tal-UNESCO, li jindirizzaw l-aċċess għad-diversità tal-espressjonijiet kulturali u l-aktar ċaħda radikali tiegħu. Jekk dan l-impenn jissaraf f'suċċess, il-Konvenzjoni tista' tikseb il-pożizzjoni ta' trattat internazzjonali ewlieni.

**Theddid**
Jeħtieġ li l-Partijiet tal-Konvenzjoni jkunu konxji tal-effetti negattivi tas-sistema internazzjonali attwali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuq id-diversità tal-espressjonijiet kulturali, b'mod partikolari fi swieq iddominati mill-kumpaniji l-kbar li jeżerċitaw poter kollettiv bħala oligopolji.

Jekk il-Partijiet ma jimpenjawx ruħhom għall-użu adegwat tal-liġi rilevanti tal-kompetizzjoni u jonqsu li jirrimedjaw id-diskriminazzjoni kulturali sistematika mill-poter tal-kumpaniji l-kbar, l-iżbilanċ attwali fl-iskambju tal-beni u s-servizzi kulturali mhux se jitjieb. F'dan il-każ, l-obbligi ta' aċċess tal-Artikolu 7 se jibqgħu element purament programmattiku.

Skont l-Artikolu 6, il-Partijiet għandhom jelaboraw u jimplimentaw kontrolli u ekwilibriji legali biex jiġu evitati miżuri li jagħtu lill-Istat setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jmorru lil hinn mil-livell ikkontrollat mis-sistema ġudizzjarja u jiksru l-libertà tal-espressjoni. Inqisu l-mekkaniżmi tal-għajnuniet statali selettivi bħala riskju ta' ċensura sigrieta u xkiel għall-ispirtu intraprenditorjali fil-qasam kulturali.
In-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni b'tali mod li jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tagħha ta' tmexxija xierqa jista' jkollu effetti ta' riperkussjoni negattivi fuq l-isforzi Ewropej ta' integrazzjoni sostenibbli, speċjalment fi żmien il-kriżi ekonomika u politika.

Mingħajr parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili u ta' dawk li jfasslu l-politika u jmexxu l-implimentazzjoni futura tal-Konvenzjoni, hemm il-periklu li dan l-istrument isir sempliċiment suġġett ta' diskors teoretiku u artifiċjali għall-istati għonja u demokratiċi, u, eventwalment, jispiċċa bħala "interpretazzjoni mejta" għall-Partijiet kollha.

Għaldaqstant, il-promoturi tal-kawża tad-diversità kulturali għandhom jopponu l-interpretazzjoni stretta tal-qasam ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO. Għandhom jimmobilizzaw atturi privati u pubbliċi fi ħdan is-settur kulturali u lil hinn minnu biex jagħtu kontribut għall-implimentazzjoni effikaċi ta' dan l-istrument. U fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, għandhom jagħmlu użu mill-aħjar sforzi biex jiżviluppaw aktar il-liġi u l-politiki li s'issa nħolqu fil-livell nazzjonali u reġjonali.

## Tliet ġenerazzjonijiet ta' diskorsi legali u politiċi dwar id-diversità kulturali

Nosservaw tliet ġenerazzjonijiet ta' diskorsi dwar politiki u regoli legali li huma rilevanti għall-qasam ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO. Skont l-Artikolu 3, dan l-istrument għandu japplika "għall-politiki u l-miżuri adottati mill-Partijiet relatati mal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali". L-ambitu għandu jiġi interpretat flimkien mal-Artikoli 1 u 2, li jiddefinixxu l-objettivi u l-prinċipji ta' gwida ta' dan it-trattat.

Storikament, l-ewwel ġenerazzjoni tad-diskors kienet imsejsa fuq fehim fuq kollox etnoċentriku ffukat fuq il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-kunċett tal-"identità kulturali". Bit-tisħiħ spettakolari tas-sistema multilaterali tal-kummerċ matul l–aħħar deċennju tas-seklu 20, il-partijiet interessati mill-qasam kulturali f'diversi ġuriżdizzjonijiet saru konxji tal-ħtieġa tagħhom li jgħaqqdu l-qawwa tagħhom bil-għan li jilqgħu sfidi ġodda. Il-ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) daħlu fis-seħħ fl-1995. Matul in-negozjati li wasslu għal dawn it-trattati, il-partijiet interessati mill-qasam tal-kultura naqsu li jimponu "eċċezzjoni kulturali". Din l-eċċezzjoni kienet tkun qatgħet barra r-regolazzjoni kulturali mill-ambitu tar-regoli dwar il-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ tal-oġġetti u s-servizzi u dwar l-aspetti kummerċjali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (GATT, GATS u TRIPS).

Is-suċċess fir-rigward tal-prevedibilità u l-infurzabilità tal-liġi tad-WTO essenzjalment issarraf f'bidla radikali fil-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim li applika għall-Ftehima Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) mill-1948 sal-1994. Huwa preżunt li din ir-realtà ġdida kkontribwixxiet għal bidla fl-istrateġija bejn il-partijiet interessati mill-qasam kulturali li ħolqot it-tieni ġenerazzjoni tad-diskorsi, li kienu qed jiżvolġu madwar il-kunċett tad-"diversità kulturali". Il-partijiet interessati fil-qasam tal-kultura rreaġixxew għat-theddida imminenti billi ħejjew liġi ġdida. Dan il-proċess beda b'liġi mhux vinkolanti b'għamla ta' dikjarazzjoni dwar id-diversità kulturali adottata taħt il-patroċinju tal-Kunsill

tal-Ewropa fl-2000. Wara dan segwiet dikjarazzjoni simili tal-UNESCO fl-2001 u liġi aktar vinkolanti bis-saħħa tal-Konvenzjoni tal-2005. Minkejja li varjetà sħiħa ta' diskorsi dwar id-diversità kulturali bdew ħafna aktar kmieni, ir-regoli multilaterali l-ġodda dwar il-kummerċ tawhom impetu ġdid li ssarraf fi standards legali fformulati dejjem aħjar.

Attwalment, qed nosservaw it-tiswir tat-tielet ġenerazzjoni ta' ideat u inizjattivi relatati mal-liġi u l-politiki. Din l-era li issa qed tibda tippreżenta l-opportunità li tilqa' alleati ġodda favur il-kawża tal-kultura li huma mħassba dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-minoranzi, u l-provenzjoni tal-ġenoċidji u l-atroċitajiet tal-massa. Il-Konvenzjoni kif inhi llum għandha l-għan li tinkoraġġixx kontribuzzjonijiet li jwettqu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, it-tnejn bħala riżultat tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali u bħala limitazzjoni tal-prinċipju tas-sovrnaità.

## L-implimentazzjoni bħala "insegwiment ta' żviluppi politiċi"

Il-Kummissjoni Ewropea tqis li "l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO fi ħdan l-UE mhijiex attività leġiżlattiva fil-veru sens tal-kelma, iżda x'aktarx hija insegwiment ta' żviluppi politiċi, kemm fil-politiki interni u kemm f'dawk esterni, li f'mumenti partikolari jistgħu jieħdu s-sura ta' azzjoni leġiżlattiva" (ir-risposta tal-Kummissjoni tal-UE għall-mistoqsija 4 tal-Istħarriġ dwar l-Organizzazzjonijiet Reġjonali fuq www.diversitystudy.eu). Din l-interpretazzjoni tippreżenta l-opportunità għal ħsieb kreattiv ġdid fil-kuntest politiku u legali li jmur lil hinn minn approċċ sempliċiment statiku u formali. Il-Konvenzjoni tal-UNESCO għandha potenzjal importanti biex timmobilizza u tħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-liġi u l-politiki sabiex ifittxu soluzzjonijiet innovattivi biex jindirizzaw it-tħassib ewlieni tal-kostitwenza tagħhom dwar is-soċjetà, li għandu x'jaqasm ma' kwistjonijiet ta' identità u diversità. Il-Konvenzjoni tkopri dawn il-kwistjonijiet mill-angolu kulturali. Madankollu, il-valur konsiderevoli ta' dan l-istrument jinsab fil-potenzjal tiegħu li jservi ta' spirazzjoni u gwida għal qafas legali tal-ġejjieni li jista' jżomm f'ordni is-sorsi ta' tensjoni, bħall-espressjonijiet reliġjużi, politiċi u nazzjonali, li joriġinaw mid-diveristà ta' għamliet differenti oħra ta' espressjoni fi ħdan pajjiżi jew reġjuni.

Fl-Aġenda Ewropea għall-Kultura, il-Kummissjoni ssejjaħ għall-"integrazzjoni tal-kultura fil-politiki rilevanti kollha" abbażi tal-klawżola kulturali tat-Trattat (punt 4.4): "Fir-rigward tad-dimensjoni esterna, qed tingħata attenzjoni partikulari lid-djalogu multikulturali u interkulturali u lid-djalogu bejn ir-reliġjonijiet, li jippromwovi l-komprensjoni bejn l-UE u s-sħab internazzjonali u li jilħqu aktar udjenza akbar fil-pajjiżi sħab. F'dan il-kuntest, l-edukazzjoni u partikularment l-edukazzjoni ta' drittijiet umani għandhom rwol sinifikanti".

Ir-relazzjonijiet bejn it-Tibet u ċ-Ċina jew l-Iżrael u l-Palestina jistgħu jservu ta' eżempju ta' kemm hu urġenti eżami ulterjuri fil-fond ta' tali mezz. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali, f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, joffrulna pjan direzzjonali għat-tħejjija ta' liġi internazzjonali ġdida mmirata għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità umana u l-prevenzjoni bikrija tal-ġenoċidji u tal-atroiċitajiet tal-massa. Madankollu, qabel ma nibdew noħolmu b'bini ġdid, għandhom jissaħħu s-sisien tad-dar eżistenti.

Il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi li wara l-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-Kultura, qed jissawwar qafas strateġiku ġdid għall-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE. F'dan il-qafas, il-kultura titqies bħala fattur strateġiku ta' żvilupp politiku, soċjali u ekonomiku, u ma tiġix interpretata esklussivament fil-kuntest ta' ġrajjiet kulturali iżolati jew vitrini (ir-risposta tal-Kummissjoni għall-mistoqsija 4.1 tal-Istħarriġ dwar l-Organizzazzjonijiet Reġjonali). Il-kriterji ta' Kopenħagen fir-rigward tad-djalogu bejn l-Unjoni Ewropea, il-

Balkani tal-Punent u t-Turkija juru kif dan l-approċċ il-ġdid jista' jiġi applikat għal kompiti konkreti. Il-Kummissjoni tesprimi wkoll b'mod ċar l-aspettattiva li l-Konvenzjoni tal-UNESCO se ssawwar "rwol ġdid għall-kultura u d-diversità kulturali fit-tmexxija globali, bir-rikonoxximent tagħha bħala pilastru kulturali f'livell globali li jirrifletti l-kisbiet li ntlaħqu permezz ta' kwistjonijiet ambjentali u trattati fil-qasam tat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità" (ir-risposta tal-Kummissjoni għall-mistoqsija 11.2 tal-Istħarriġ dwar l-Organizzazzjonijiet Reġjonali).

Aħna nikkondividu din il-viżjoni, u f'dan l-istudju, nagħtu stampa ġenerali ta' diversi għażliet li jistgħu jikkontribwixxu biex dawn l-aspirazzjonijiet isiru realtà fir-relazzjonijiet domestiċi u dawk transkonfinali. Matul dawn l-aħħar deċennji, l-iżviluppi dinamiċi fil-liġi ambjentali rriżultaw fil-ħolqien ta' diversi strumenti fil-livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, bħall-Konvenzjoni tal-1992 dwar il-Bijodiversità. Dawn l-iżviluppi legali, flimkien ma' sfidi aktar reċenti fir-rigward ta' tħassib mhux kummerċjali, bħas-saħħa pubblika kif tirriżulta mil-liġi tad-WTO, wasslu biex ikkawżaw it-twelid ta' diskors ġdid dwar id-diversità kulturali. Mill-perspettiva legali u politika, it-theddida ewlenija għal dan id-diskors hija r-rigressjoni eventwali għal fehim introvert dwar l-identità kulturali. Il-kunsiderazzjoni ta' dan l-agħar xenarju possibbli turi b'mod ċar li l-avukati serji tad-diversità kulturali m'għandhomx jitilfu l-opportunitajiet uniċi li donnha toffri l-interpretazzjoni kreattiva tal-Konvenzjoni tal-UNESCO.